

- tordna l-kumpens għad-dannu morali kkawżat minn sett ta' atti u ta' aġir tal-PMO li għandu jiġi evalwat globalment u li r-rikorrenti tqis li jammonta *ex aequo et bono* għal EUR 50 000;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ufficiċju tal-Amministrazzjoni u l-ħlas tal-Intitolamenti Individwali (iktar 'il quddiem il-“PMO”), rigward l-eżekuzzjoni ta’ mandat ta’ qbid adottata minn qorti Belġjana, sa fejn dan tal-aħħar jirriżerva d-dritt li jżomm mill-ġdid l-ammont ta’ EUR 3 839,60 mill-pensionijiet tar-rikorrenti li għadhom iridu jitħallsu, din tal-aħħar tintvoka erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 1 u 25 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ksur tal-Artikolu 6 tal-Annex VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar ‘il quddiem ir-“Regolamenti”) u fuq l-eżistenza ta’ żball ta’ evalwazzjoni. F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti tqis li ma hemm l-ebda motivazzjoni u lanqas ma hemm bażi legali li jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-PMO li jkompli jżomm iktar minn żewġ terzi tal-pensioni tagħha.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ legalità u ta’ ċertezza legali. Skont ir-rikorrenti, ir-Regolamenti huma “lex specialis” li jipprevalu fuq kull dritt nazzjonali ieħor: fil-qasam ta’ minimu għall-għajxien, hemm għalhekk dispożizzjonijiet statutorji sostanzjali li jidderogaw kemm mid-dritt Ewropew tax-xogħol ġenerali kif ukoll mid-dritt nazzjonali tax-xogħol.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba u d-dmir ta’ premura, sa fejn l-ebda motivazzjoni ma għejt prodotta rigward il-fatti jew il-provi li jistgħu jiġġustifikaw it-teħid tad-deċiżjoni mill-PMO li jirriżerva d-dritt li jżomm mill-ġdid l-ammont ta’ EUR 3 839,60 mill-pensionijiet tar-rikorrenti li għadhom iridu jitħallsu.
4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ ugwaljanza u ta’ non-diskriminazzjoni, b'mod partikolari sa fejn, jekk tiġi segwita l-interpretazzjoni tal-PMO, il-minimu għall-għajxien jiddependi mill-pajjiż fejn l-ufficijal ikun irrisjeda.

Ir-rikorrenti titlob ukoll il-kumpens għad-dannu li hija sofriet minħabba l-irregolaritajiet li l-PMO wettaq u li ma jippermettulhiex tħix b'dinjità.

Rikors ippreżentat fit-18 ta’ Ġunju 2019 — Datenlotsen Informationssysteme vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-368/19)

(2019/C 270/39)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Datenlotsen Informationssysteme GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Lübbig, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-riorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralijogħġobha:

- tiddikjara li l-konvenuta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 108 TFUE minħabba li naqset milli tikkonkludi f'terminu ragħonevoli, permezz ta' deċiżjoni, il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-Każ SA.34402 (2015/C ex 2012/NN) skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2015/1589 (i).
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-riorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin.

1. Ksur tal-Artikolu 108 TFUE minħabba n-nuqqas ta' konklużjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.
 - Fil-kuntest tal-ewwel motiv qiegħed jiġi sostnun li t-tul tal-proċedura, li huwa iktar minn seba' snin, għandu jitqies bħala irraġonevoli. F'dan ir-rigward, ir-riorrenti ssostni li fid-dawl tal-għarfien wiesha tal-konvenuta u tal-portata limitata tal-kwistjonijiet pendenti, deċiżjoni digħi kellha tittieħed. Minbarra dan, hija neċċessarja deċiżjoni ta' malajr minħabba bżonnijiet ekonomiċi urġenti tar-riorrenti.
2. Ksur tad-dritt għal terminu proċedurali raġonevoli bħala parti mid-dritt għal amministrazzjoni tajba skont l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
 - Fil-kuntest tat-tieni motiv, qegħdin jiġu invokati argumenti li huma essenzjalment identiċi jew simili għall-argumenti li ġew invokati fil-kuntest tal-ewwel motiv.
3. Ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 20 tagħha.
 - Fil-kuntest tat-tielet motiv, ir-riorrenti ssostni, prinċipalment, li l-konvenuta kisret il-Kodiċi ta' Prassi Tajba fil-qasam tal-implimentazzjoni ta' ġħajnejna mill-Istat minħabba diversi miżuri li implikaw id-dewmien tal-proċedura.
4. Ksur tad-dritt għal motivazzjoni bħala korollarju tad-dritt għal rikors ġudizzjarju effettiv, fis-sens tal-Artikoli 47 u 41(2)(c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
 - Fil-kuntest tar-raba' motiv qiegħed jiġi invokat il-fatt li l-konvenuta ma setgħetx tinvoka, b'mod ġenerali, in-neċċessità ta' investigazzjoni jiet ulterjuri, iżda kellha tindikahom b'mod sostanzjat u li jinfiehem.

(i) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).